MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 136/2004/1

**Victor u Anne Claire mizzewgin Anastasi**

**vs**

**Nicholas u Natasha mizzewgin Parnis England**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu u ghalhekk jirrifondu lill-atturi, dik is-somma ta' flus li tigi likwidata u stabbilita bhala parti

mill-prezz quanti minoris li ghandha tigi restitwita lill-atturi mill-prezz imhallas tal-bejgh tal-karozza ta’ l-ghamla Audi A4, magna petrol, kulur iswed, bin-numru ta’ registrazzjoni LAE – 445, “Chassis numru 8DZVA099304, Magna numru ADR223033 u dan a kawza ta’ difetti latenti li rrizultaw fl-imsemmija vettura li jaghtu lok ghal l-azzjoni estimatorja u li jnaqqsu l-valur ta’ l-istess vettura, liema parti mill-prezz jigi likwidat u stabbilit minn din il-qorti, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta’ l-4 ta’ Frar tas-sena 2004 kontra l-konvenuti li huma debitament ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

3. Illi ghall-fini ta’ kompetenza, jigi dikjarat illi l-pretensjoni ta’ l-atturi ma teccedix is-somma ta’ elf u seba’ mitt Lira Maltin, (LM1,700.00,0);

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-1 ta’ April tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti;

1. Illi preliminarjament il-garanzija kontra difetti latenti giet ampjament eskluza fil-mument tal-bejgh kif jigi muri waqt il-gbir tal-provi u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, fil-kawzi ta’ natura aestimatoria f’kaz li l-qorti ssib li kien hemm ksur ta’ din il-garanzija, l-entita’ tat-tnaqqis m’ghandux jigi bbazat fuq l-ispiza necessarja ghar-rimedju imma persentagg minn din l-ispiza tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, (Martin Bajada vs Anthony Paul Demajo: Qorti tal-Kummerc per Imhallef J. D. Camilleri tas-7 ta’ Novembru, 1988);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti nkluzi n-noti ta’ sottomissjonijiet estensivi tar-rapprezentanti legli tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet attrici jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi fuq reklam f'gazzetta lokali l-attur thajjar jixtri l-vettura reklamata u iltaqa' mal-konvenut biex jikkonkretizza dan il-hsieb;

2. Illi in effetti jidher li l-partijiet iltaqghu fid-9 ta' Settembru tas-sena 2003 u wara li l-attur saq l-istess vettura bi prova, bdew in-negozjati fuq il-prezz;

3. Illi gie muri kont ammontanti ghal erba' mija u wiehed u sittin Lira Maltin, (LM461.00,0), u gie assigurat li jekk jikkonkludi x-xiri tal-vettura de quo indikata fl-avviz promotur, allura kien ser jiffrankhom;

4. Illi mill-istess kont jidher li l-attur kien induna li l-vettura in dizamina kienet tishon hafna u gie assigurat mill-konvenut li din il-kwistjoni kienet gia' ndirizzata minnu u anke ha lill-istess vettura ghand il-"Continental Cars" li nfurmawh li kienu rrimedjaw is-sitwazzjoni;

5. Illi eventwalment l-istess attur inghata l-possibilita' li jiehu pussess tal-vettura li fuqha kien ghadu jinnegozja u ha lill-istess vettura kemm ghand il-'"mechanic" tieghu kif ukoll ghand il-"Continental Cars" stess;

6. Illi kemm l-istess "mechanic" privat kif ukoll il-persuna responsabbli mill-"Continental Cars" assiguraw lill-attur li l-vettura li kien qed jinnegozja fuqha kienet fi stat tajjeb;

7. Illi munit b'dawn l-assigurazzjonijiet l-attur ikkonkluda in-negozju in dizamina u xtara l-vettura de quo;

8. Illi appena ha pussess ta' l-imsemmija vettura din bdiet tiffunzjona hazin u bdiet tishon;

9. Illi wara li din il-vettura regghet giet ezaminata mill-“Continental Cars” fuq parir tal-mekkanik privat ta’ l-attur, instab li “ … l-magna kellha l-blokka maqsuma”, (ara fol 15);

10. Illi dan gie wkoll konfermat minn tekniku ndipendenti mqabbad mill-attur, (ara fol 20 et seq.);

11. Illi l-vettura damet diversi xhur inutilizzata biex tkun tista’ tigi riparata, (ara fol 15), izda jirrizulta li issa qed tigi regolarment utilizzata mill-attur;

12. Illi l-attur kellu jonfoq l-ispiza ta’ elf, seba’ mija u erbgha u tletin Lira Maltin, u tnejn u tletin centezmu, (LM1,734.32,0), biex jirriparha;

13. Illi ghalhekk kellu jirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi kien xtara l-vettura in dizamina fl-1997 u xtraha gdida minghand l-agent lokali dejjem giet regolarment isservisjata ghand l-istess agent;

2. Illi fis-sena 2003 iddecieda li jbieghha, u wara li ppromwova l-istess vettura permezz ta’ xi avvizi f’gazzetti lokali beda negozjati ma’ l-attur;

3. Illi meta l-attur ra l-vettura in dizamina, ghogbitu u marru jipprovawha flimkien; ovvjament bl-attur stess isuqha;

4. Illi waqt li l-partijiet kienu flimkien il-konvenut isostni li kemm –il darba kien informa lill-attur li kien qed ibiegh il-vettura “tale quale”, (ara fol 70), u li kien itiha s-“service” regolarment ghand l-agent stess minghand min kien xtraha;

5. Ili dan l-ahhar fatt indikat fil-paragrafu precedenti hu kkonfermat mill-impjegat ta' l-istess konvenut li kien ikun responsabbli biex jaghmel dan;

6. Illi n-negozjati kienu konkluzi pozittivament u l-vettura inxtrat mill-attur;

7. Illi meta eventwalment gie redatt it-trasferiment tal-vettura de quo kif tenut skond il-ligi, l-konvenut jafferma li kien rega' nforma lill-attur li kien qieghed jikkonkludi n-negozju "tale quale", u dan fil-prezenza ta' certu Joseph Aquilina li jikkonferma l-istess bil-gurament, (ara fol 77);

8. Illi ghalhekk qed jirribatti t-talbiet attrici bil-qawwa kollha;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost din il-qorti hi konvinta mis-segwenti;

1. Illi l-vertenza tirrigwarda xi difetti mekkanici li zviluppaw fil-vettura de quo wara li din inbieghet mill-konvenut lill-attur;

2. Illi qabel ma l-attur ikkonkluda n-negozju de quo hu ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji li wiehed jistenna f'sitwazzjoni simili billi ezamina u saq hu stess il-vettura de quo u hadha biex tkun ezaminata kemm mill-mekkanik tieghu u mill-agent lokali;

3. Illi l-konvenut effettivament biegh il-vettura de quo "tale quale" kif isostni;

4. Illi kif isostni ben tajjeb ir-rapprezentant legali tal-konvenut fin-nota tieghu tali frazi ut sic, ma tezonorax necessarjament lill-venditur mill-garanzija kontra difetti okkulti;

5. Illi pero' l-attur kellu l-opportunitajiet kollha biex jezamina l-vettura li kien interessat fiha biex iserrah

rasu li l-pass li kien ser jiehu kien ser ikun wiehed ghaqli, u jirrizulta abbundantement assodat li hu uzufruwixxa minn din l-opportunita' sew;

6. Illi ghalhekk din il-qorti taqbel mat-tezi tal-konvenut li meta tikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz fit-totalita' taghhom kif fuq esposti l-konvenut jirrizulta li kien ghal kollox in bona fede u allura m'ghandhiex alternattiva hlief li takkolji l-istess tezi minnu assunta;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tirrespongi t-talbiet attrici, bl-ispejjez."

Fl-appell taghhom minn din is-sentenza l-atturi jgibu 'l quddiem l-aggravji li jsegwu:-

(1) Kuntrarjament ghal dak ritenut mil-ewwel Qorti, kemm mid-dikjarazzjonijiet tal-kontroparti kif ukoll mill-provi l-ohra attendibbli, id-difetti fil-vettura komprata ma zviluppawx wara l-bejgh imma kienu gja jippre-ezistu:-

(2) Il-fatt li ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji ghall-ezami tal-vettura qabel il-bejgh ikompli jiddemostra illi huma ma naqsux mill-obbligu *caveat emptor*. Ciononostante, minhabba l-ezistenza tad-difett mohbi, huma ma kienux f' qaghda li jkunu jafu b' dan id-difett qabel sehh il-bejgh;

(3) Lanqas hi korretta l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-konvenut kien ghal kollox in *buone fede*. Dan ghar-raguni li hu ommetta li jinformahom illi kien dahhal il-karozza ghand il-Continental Cars ghad-diversi interventi fuqha;

(4) Ukoll, fil-kors tan-negozjati l-konvenut qatt ma semmielhom li l-bejgh kien *tale quale*, tant li dan dejjem serhilhom mohhhom li l-karozza kienet "pinna". F' kull kaz, bejgh b' dik il-klawsola ma kienx jeskludi l-garanzija ghal difetti mohbija;

(5) Riferibilment ghall-eccezzjoni tal-konvenut illi t-talba ghar-riduzzjoni fil-prezz ma ghandhiex tekwivali ghall-ispiza rimedjali, ankorke dan huwa minnu, xorta wahda tali spiza kellha tittiehed in konsiderazzjoni flimkien ma’ cirkostanzi ohra li kienu jnaqqsu sensibilment il-prezz tal-vettura;

Premessi dawn l-aggravji, il-fatti principali li taw lok ghall-kawza jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

(1) F’ Settembru 2003 l-attur xtara minghand il-konvenut vettura sekonda man tat-tip Audi versu l-prezz ta’ hamest elef mitejn u hamsin lira (Lm5250). Kitba ma saretx;

(2) Qabel ma gie konkjuz il-bejgh sar *test drive* taghha u giet ezaminata mill-mekkanik ta’ fiducja ta’ l-istess attur. Dan wara li l-konvenut ghaddielu kont ta’ ripar u ta’ servizz li sar fuqha mill-Continental Cars fejn fih kienet annotata riferenza ghall-“*overheating*”. Kemm il-mekkanik tieghu kif ukoll certu Salvu Saliba, l-*head mechanic* ta’ Continental Cars accertawh li kollox kien sew;

(3) Wara x-xiri l-attur innota li l-livell tal-*cooling* tbaxxa u ha l-vettura biex tigi ezaminata minn mekkanik iehor. Dan iddetermina li kien hemm *leak* mill-magna pero` ma setax jindividwa ezatt minn fejn. Hadha ghand il-Continental Cars u kkommissjona wkoll lill-espert Joseph Zammit biex jaghmel il-verifiki tieghu dwarha. Mir-rapport redatt minnu dan l-espert irrizulta li “*top part of engine block immediately behind cylinder head was cracked from which coolant was leaking*”. Ara Survey Report a fol. 20 u x-xhieda ta’ l-imsemmi espert a fol. 30;

(4) Irid jinghad li l-istess espert kien ta’ l-opinjoni li “*crack could have resulted from overheating*” u dan id-difett, ghalih, kien wiehed gravi in kwantu kien jinnecessita li tigi rimpjazzata l-*engine block*;

(5) Jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ Kenneth Borg, *workshop manager* tal-Continental Cars, illi fit-18 ta’ Lulju 2003, u cjoe qabel il-bejgh, il-vettura sarilha xoghol estensiv li kien jirrikjedi t-tibdil tac-*cylinder head gasket* minhabba *overheating*. Dejjem skond dan ix-xhud (fol. 45), is-*cylinder head* innifisha pero` ma nbiddletx. Dan l-istess xhud jikkonferma a fol. 59 illi meta l-attur kien qed jinnegozja biex jixtriha kien hadilhom il-vettura ghall-ispezzjoni pero` ma sabulhiex problemi partikulari, anke jekk ma ezaminawhiex fid-dettal;

(6) Sostanzjalment il-konvenut jillimita ruhu biex isostni li ghal diversi drabi waqt in-negozjati nforma lill-attur li l-bejgh kien *tale quale* u, la hadmet matul it-*test drive*, il-karozza ghalih kienet tajba. Anke l-impjegat tal-kumpanija tieghu, Joseph Karl Aquilina (ara xhieda tieghu a fol. 77), jikkonferma li fil-process ta’ l-iffirmar tat-*transfer document* tal-karozza huwa kien gharraf lill-attur b’ dik il-kondizzjoni tal-bejgh;

Fermi dawn il-fatti, attizi t-termini espliciti ta’ l-Avviz ma jistax ikun hemm dubju li l-azzjoni esperita mill-atturi hi dik estimatorja jew *quanti minoris* peress illi huma qed jippretendu li l-vettura mixtrija minghand il-konvenuti kellha difett mohbi u huma intitolati ghar-riduzzjoni fil-prezz li hallsu biex akkwistawha. Azzjoni bhal din hi mahsuba li thares l-ekwilibriju tan-negozju fil-kaz li x-xerrej ma jkunx irid jirrikorri ghar-rimedju tar-rizoluzzjoni tal-ftehim. Ara Artikolu 1427, Kodici Civili u **Kollez. Vol. XLI P II p 1198**;

Bi preliminari, ghandu jinghad illi l-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga mibjugha, li jippreciza l-Artikolu 1408, Kodici Civili, parallellament ma’ l-obbligu tal-kunsinna, tistabbilixxi r-responsabilita` kontrattwali tal-venditur (Artikolu 1378, Kodici Civili) konsegwenti ghall-irregolarita` traslativa ta’ l-oggett. Gie ripetutament deciz illi d-difett, oltre li jrid ikun materjali u gravi, ghandu jkun pre-ezistenti, jew fil-mument tal-bejgh. Jinghad a propozitu illi “l-prova tal-pre-ezistenza tad-difett trid tkun tali li tikkonvinci lill-

gudikant u x-xerrej ma jistax jirpoza fuq ebda prezunzjoni, specjalment fuq dik tal-qosor taz-zmien bejn il-bejgh u l-manifestazzjoni tad-difett” (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 742**);

Dan premess, mill-istharrig u interpretazzjoni tal-provi ma jidherx li tezisti ebda kontroversja bejn il-kontendenti dwar l-ezistenza u l-pre-ezistenza tad-difett. Fil-fatt l-unika difiza ta’ l-appellati hi dik li fil-kaz in ispecje kien hemm l-eskluzjoni tal-garanzija ghal difetti latenti. F’ dan is-sens huma jirrikollegaw ruhhom ghad-dispost ta’ l-Artikolu 1410, Kodici Civili fejn dan jipprovdi illi l-kontraenti “jistghu jiftehmu li l-bejjiegh m’ ghandu jkun suggett ghall-ebda garanzija”. Fil-kaz prezenti l-konvenuti appellati ma jirrikjamawx ruhhom ghal xi ftehim espress, hlief forsi biex jaffermaw illi l-vendita kienet bil-patt “*tale quale*”, izda jiddeducu l-eskluzjoni tal-garanzija in bazi ghal dawn l-elementi ta’ provi:-

(i) L-attur-kompratur inghata l-opportunita` tat-*test drive*:

(ii) Inghata wkoll kont, rapprezentanti l-ahhar riparazzjonijiet u servizzi li saru fuq il-vettura, ghal skop ta’ verifika;

(iii) It-*transfer* gie finalizzat wara li l-vettura kienet gja fid-disponibilita` ta’ l-attur. F’ dan il-kuntest l-appellati jissottomettu li huwa stramb li l-atturi jilmentaw minn difett (problema ta’ *overheating*) li mhux biss setghu saru jafu bih qabel giet konjuza l-procedura tat-*transfer* imma li *ex admissis* kienu ndunaw bih u lmentaw dwaru qabel ma l-konvenut ikkonkluda t-*transfer*;

(iv) Il-vettura kienet *second hand* u l-fatti li nbieghet bil-patt *tale quale* seta’ biss ifisser li l-venditur kien qed jeskludi l-garanzija ghal difetti latenti;

Relattivament ghas-sottomissjonijiet tal-konvenuti appellati, appena kalendati, jibda biex jigi osservat illi,

anke fejn tonqos id-dikjarazzjoni espressa li l-oggett qed jigi vendut minghajr il-garanzija ghal vizzji, certi pattijiet li jkunu qablu dwarhom il-kontraenti jista’ jkollhom is-sinjifikat ekwiparabbli ghall-espressjoni ta’ ezoneru. Pattijiet bhal dawn huma ravvizati fi klawsoli bhal, nghidu ahna, li l-oggett qed jinbiegh fl-istat li hu, jew *tale quale*. Hemm awturi li jsostnu li klawsoli simili huma sempliciment *di stile*, u ghandhom jigu ntizi fis-sens li x-xerrej ma jistax jippretendi oggett divers minn dak li hu. Hekk, ad ezempju, jekk l-oggett hu “sekonda man” ma jistax jippretendi wiehed gdid. Intant dawn l-istess awturi jsostnu li, b’ danakollu, l-impenn tal-venditur fir-rigward tad-difetti okkulti jibqa’ veljanti. Similment, jinsab konkordament affermat mill-gurisprudenza taghna. Ara **Kollez. Vol. XV p 317, Vol. XX P I p 273, Vol. XXII P I p 309** u “**Joseph Bonanno *et* -vs- Raymond Dimech**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 12 ta’ Jannar 2005;

Dejjem ghall-kaz ta’ bejgh ta’ oggett sekonda man jinsab spjegat mit-trattista **C. Massimo Bianca** (“**La Vendita` e la Permuta`**”, Ed. 1972 Unione Tipografico - Editrice Torinese, pagna 826), “*per quanto riguarda, in particolare, la vendita di cose usate, non puo dirsi che il compratore rinunzi tacitamente ad avere un bene privo di vizi e con le qualita essenziali. Il riferimento al bene come usato significa che la promessa del venditore è determinata dallo stato del bene conseguente al suo uso o che le qualita` s’ intendono quindi ridotte in ragione dall’ uso*”. Proprju fl-annotamenti li nsibu fl-istess opra b’ riferenza ghal dan il-bran hemm silta minn sentenza tat-**Tribunal ta’ Macerata** tal-20 ta’ Mejju 1959 li tghid illi “*nella vendita di cosa usata è esclusa l’ azione di garanzia per i vizi e difetti che siano una conseguenza normale dell’ uso della cosa, mentre altrettanto non puo dirsi per quei vizi e difetti (nella specie la rottura del monoblocco del motore di una automobile) che dall’ uso rappresentino una conseguenza anormale e siano di tale gravita da diminuire in modo apprezzabile anche la residuata capacita` di utilizzo*”. Sorprendentement, il-fattispeci ta’ dak il-kaz ghandu xebh qawwi ma’ dak tal-kaz prezenti, in kwantu anke hawn

instab li kien hemm mankament fil-blokka tal-magna tal-vettura;

Ciononostante dak li ghadu kif gie registrat, l-appellati xorta wahda jirrikorru ghad-difiza ta' l-ezenzjoni mill-garanzija legali in bazi ghar-ragonament illi qabel ma gie definit il-bejgh, l-attur kellu l-opportunita` shiha li jaghmel l-accertamenti tieghu, b' mod li seta' jikkonstata l-ezistenza tad-difett. Ikollu jinghad li b' tali sottomissjoni, l-appellati donnhom jirribadixxu l-hsieb espress fis-sentenza in re: "**Victor Portelli -vs- Andrew Brincat *et***", Appell Civili, 11 ta' Gunju 1990, fejn gie ritenut illi "ix-xerrej minn naha tieghu ghandu l-obbligu li jezamina sew il-haga li jkun qieghed jixtri u ma jistax jaqbad u jixtri minghajr ma jitkixxef sew fuqha, u wara jistrieh fuq il-garanzija li taghtih il-ligi. Jekk ix-xerrej ma jkunx ra d-difett ghaliex ma wzax bizzejjed attenzjoni u diligenza dan il-fatt ma jirrendix l-istess difett okkult". Fiha ssokta jinghad, fuq it-taghlim tal-**Baudry-Lacantinerie** ("**La Vendita**", Vol. XIX), illi min ikun qed jixtri haga li fiha ma tantx hu espert ghandu l-obbligu li jirrikorri ghas-servizzi ta' persuna idonea ghall-parir;

Issa fil-kaz odjern, kif ravvizat ukoll mill-elenku tal-fatti *supra*, ma jistax certament jinghad illi l-attur appellanti ma wzax dak l-isforz ta' diligenza li tippreciza s-sentenza appena citata. Huwa sahansitra rrikorra ghall-awzilju ta' esperti teknici snin qabel il-finalizzar tal-kontrattazzjoni u dawn serrhulu rasu li kollox kien sew. Kif tarah din il-Qorti, l-indikazzjoni jew id-determinazzjoni ta' l-istat ta' *over heating* ma kienetx *per se* tavvertih bl-ezistenza ta' xi difett mohbi fil-blokka kemm ghaliex l-istess teknici u l-konvenut innifsu accertawh mill-kwalita` u l-integrita` tal-vettura, kif ukoll ghaliex fil-kors tal-process rettifikatorju mill-Continental Cars ta' problema konsimili insorta qabel il-bejgh dawn ma kienux individwaw xi mankament serju ghal dik ir-raguni. Huwa dubitat minn dan kemm tabilhaqq jista' jingibed b' xi inferenza illi l-attur, ghalkemm xjenti mill-fatt ta' l-*overheating*, kien jaf jew messu kien jaf, bil-*crack* fl-*engine block*. *Crack* din li la kienet vizibbli u

lanqas accessibbli gjaladarba nstabet li kienet mohbija taht is-*cylinder head.* Sewwa gie rilevat mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali tal-10 ta’ Dicembru 1951 in re: “**Thomas Colgnhour -vs- Robert Butler**”, f’ kaz trattasi wkoll minn bejgh ta’ vettura “sekonda man” li kellha *crack* fir-*rear axle casing* illi “*the Court, therefore, thinks that … even though the car being bought was expressly stated to be a used car, and the buyer, therefore, was expected to be in the look out for the short-comings, still the crack at the time of the sale was not such that the buyer could have discovered it on inspecting the car with ordinary diligence*”. U “*what could not be detected by defendant’s mechanic … could not be easily apparent for plaintiff*”. (**Kollez. Vol. XXV P I p 307**);

Il-kontendenti jirrikorru ghall-aspetti ta’ bwona, u ta’ mala, fede. Naturalment dan jaghmluh biex, fil-kaz tal-konvenut, jillustra l-punt li hu ma heba xejn mill-attur-kompratur, mentri skond l-attur il-konvenut naqas li jinformah li hu kien dahhal il-vettura ghal diversi interventi ghand il-Continental Cars. Ovvjament l-atturi dan jissottomettuh biex isahhu t-tezi li, skond it-termini ta’ l-Artikolu 1411, Kodici Civili, il-konvenut, bil-ftehim b’ kollox, xorta jibqa’ obbligat “ghal dik il-garanzija li jgib b’ eghmilu”. Apparti dawn is-senjalazzjonijiet tal-kontendenti, fil-fehma tal-Qorti, biex l-ezoneru jitqies operanti t-tifsira dwaru ghandha tkun sufficjentement univoka u dan ma jidherx li hu hekk il-kaz hawnhekk, lanqas mid-deduzzjonijiet maghmula mill-appellati u aktar ‘il fuq riportati. Opportunement, il-Qorti tqis li l-klawsoli li jeliminaw jew jillimitaw il-garanzija dovuta ex-Artikolu 1408 Kodici Civili huma vessatorji u, meta ma jkunux specifikament sottoskritti, ghandhom jircievu interpretazzjoni ristrettiva;

Raggunta din il-konkluzjoni l-Qorti jehtiegilha issa tinvesti l-kwestjoni, imqanqla bit-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, dwar jekk l-atturi, li jirrivendikaw il-jeddijiet taghhom bl-azzjoni *quanti minoris*, ghandhomx dritt jikkonsegwu in via ta’ riduzzjoni fil-prezz l-ispiza minnhom sborzata biex tirrimedja ghad-difett. Ghal dan l-iskop hu necessaru li jigi

accertat f' liema mizura u percentwali jincidi l-vizzju fuq il-valur ta' l-oggett vendut, b' mod li konsegwentement il-prezz jigi diminwit b' dik il-percentwali;

F' dan il-kuntest l-appellati jiccitaw b' suffraggju ghal din l-eccezzjoni taghhom l-kunsiderazzjoni maghmula, b' riaffermazzjoni ta' sentenzi precedenti, mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Michael Bonnici *et* -vs- Joachim Francica**", 27 ta' Gunju 2003, jigifieri li "f' azzjoni aestimatorja s-somma li ghandha titnaqqas, f' kaz li jirrizultaw difetti in vendita, m' ghandhiex tkun ekwivalenti ghas-somma mehtiega biex jigu rrangati d-difetti izda l-Qorti ghandha tistabilixxi x' kien ikun il-prezz tal-bejgh fil-mument tal-kontrattazzjoni kieku x-xerrej kien jaf bid-difetti lamentati". Din l-affermazzjoni tal-Qorti Superjuri ma jidherx, mir-ricerka kondotta mill-Qorti, illi ssib l-adezjoni pjena tal-kazistika. Hekk jinsab arguwit mill-wisq erudit l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran illi "huwa logiku u naturali li s-sostanzjalita` tal-vizzju u l-ammont tar-riduzzjoni ghandhom jigu kkalkolati fid-dawl tax-xoghlijiet li hemm bzonn isiru biex id-difett ikun jista' jigi rimoss, ghalkemm dan mhux l-uniku kriterju ghax il-Qorti tista' timxi wkoll fuq il-kriterju ta' l-arbitriju prudenzjali taghha dwar kemm hi thoss li l-akkwirent kien joffri inqas kieku kien jaf bid-difett" ("**Gerald Degiorgio -vs- Avukat Dottor Joseph Zammit Tabona *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Ottubru 1970);

*Dato, ma non concesso*, jekk il-prezz appattwit ta' hamest elef mitejn u hamsin lira (lm5250) kienx jirrapprezenta, jew le, il-*market value* tal-vettura fiz-zmien tal-bejgh taghha, u koncess ukoll li l-vettura, meta nxtrat mill-konvenut, kienet prestigjuza, anke konsiderat li l-prezz taghha ma jistax jitqies indifferenti, jibqa' l-fatt illi l-materja hawn ikkontemplata trid tigi vizwalizzata mill-perspettiva tax-xerrej li "kien joffri prezz izghar" li kieku kien jaf bid-difett (ara Artikolu 1424 Kodici Civili). Fl-opinjoni tal-Qorti, fil-kumpless ma tarax li jkun irragonevoli illi l-prezz jigi ridott bis-somma li l-atturi kienu kostretti jhallsu ghar-riparazzjoni. Naturalment il-Qorti ma tistax taccetta bhala

tnaqqis l-ammont aspettat mill-atturi (Lm1861). Dan kemm ghaliex minn dan l-ammont ghandu jonqos il-valur (Lm127) tal-*clutch* u l-*pressure plate* li mad-difett ma kienux jiccentraw, u aktar u aktar ghaliex l-atturi nfushom irrestringew fl-istess Avviz promotur il-pretensjoni taghhom ghal elf u seba' mitt lira (Lm1700). Hi allura din l-ahhar somma li qed tigi koncessa b' riduzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u tal-konsiderazzjonijiet kollha superjorment dedotti din il-Qorti qed tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tilqa' invece t-talba ta' l-atturi billi tiffissa r-riduzzjoni fil-prezz tal-vettura kompravenduta fis-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1700). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------